# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 1664/00mm**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Carmelo Zerafa, abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi, u l-istess Carmelo Zerefa**

**vs**

**Lily Cutajar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-5 ta' Dicembru 2000 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta li thallas is-somma ta' tlett mija u disgha u sittin lira Maltin u hames centezmi (Lm369.05c), in kwantu ghas-somma ta' mitejn u tnejn u ghoxrin Lira Maltin u hames centezmi (Lm222.05c), jew

somma ohra verjuri, lis-socjeta' attrici, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat tas-socjeta' Fogg Insurance Agencies Limited, Carmelo Zerafa, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, u in kwantu ghas-somma ta' tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm22.00), lill-attur Carmelo Zerafa, ammont rapprezentanti d-dannu lilu kagunat bhala rizultat ta' telf ta' uzu tal-vettura tieghu, piu' s-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm125.00), ammont rapprezentanti *excess payment,* li ma kienux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-23 ta' Frar 1999 ghall-habta tas-1:00p.m. gewwa Triq Aldo Moro, Marsa, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAC 394, proprjeta' ta' l-attur Carmelo Zerafa u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni TFC 296, liema ncident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkuz dawk tal-ittra ufficjali li ntbaghtet kontestwalment ma' l-avviz lis-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Lily Cutajar fejn eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante illi l-incident

awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta' Grazio Zerafa, is-sewwieq awtorizzat mill-attur Carmelo Zerafa, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess Grazio Zerafa hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara hdejn ir-roundabout tal-Kurcifiss il-Marsa, bejn il-karozza CAC 394 misjuqa minn Grazio Zerafa u l-karozza TFC 296 misjuqa mill-konvenuta Lily Cutajar. Iz-zewg vetturi kienu qed jinstaqu fl-istess direzzjoni u jidher illi Cutajar riedet iddur lejn il-lemin sabiex tidhol f'gap illi kien hemm fis-*centre strip* halli terga lura fid-direzzjoni minn fejn giet. Kien proprju hemmhekk illi gara l-incident.

Grazio Zerafa xehed illi huwa kien diga dar mar-*roundabout* u qabad it-Triq Dicembru 13, meta f'daqqa wahda giet il-karozza misjuqa minn Cutajar minn nahha ta' wara minn fuq ix-xellug u dina baqghet diehla fuq il-mudguard ta' wara tax-xellug, peress illi riedet taghmel dawra lejn il-lemin.

Lily Cutajar tghid illi kienet qieghda  ssuq fuq l-*outer lane.* Ghal xi raguni hasbet illi hadet zball fl-ghazla tal-lane u rat gap fejn indikalha *right turn* fis-*center strip* u ghalhekk marret ghal dan il-gap halli hija tkun tista ddur mar-*roundabout*  u terga lura fit-triq Dicembru 13. Kien proprju hawn hekk illi waqt li kienet fil-posizzjoni wieqfa  sabiex tidhol f'dan il-gap illi gie Zerafa  u gara l-incident. Tghid illi hija kellha tibqa' ssuq xi ftit minhabba l-vetturi l-ohra li kienu qed jingemghu warajha u ghalhekk waqfet xi distanza l-boghod minn fejn gara l-incident.

B'verbal illi sar f'dawn l-atti fis-seduta tat-31 ta' Ottubru,2001 il-partijiet ftehmu illi ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-danni.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti ghandha diffikulta sabiex tidentifika ezattament il-post fejn gara l-incident peress illi sketch huwa nieqes, pero' jidhrilha illi hemm provi bizzejjed sabiex tasal ghal konkluzzjoni dwar ir-responsabbilta' ta' dan l-incident.

Apparti l-versjoni tal-partijiet, il-Qorti tinnota illi l-hsarat fil-karozza misjuqa minn Zerafa kienu fuq in-nahha ta' wara fuq il-*mudguard* tax-xellug. Dana jindika illi kienet il-karozza tal-konvenuta illi baqghet diehla fil-karozza ta' Zerafa u mhux vice versa. Dawn il-hsarat jikkorroboraw il-versjoni moghtija minn Zerafa illi kienet il-konvenuta illi dina biddlet id-direzzjoni tal-vettura taghha biex baqghet diehla fil-karozza tieghu. Il-konvenuta stess tghid illi hija ma kienetx familjari ma' dan il-post

u ghalhekk hasbet illi tilfet il-lane u riedet b'xi mod terga lura halli tigi f'postha fid-direzzjoni tat-Triq Dicembru 13. Kien proprju f'dan il-mument ta' indecizzjoni illi sar l-incident. Evidentement il-konvenuta ma kienetx qed izzomm *a proper lookout.* Forsi anke bit-tfixkil illi kellha ma rrealizzatx li l-karozza ta' Zerafa kienet daqshekk vicin taghha.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax certa inkonsistenza fix-xhieda tal-konvenuta. Hin minnhom tghid illi ma kienx hemm karozzi fit-triq, tant illi hija ndunat b'dan il-gap u sinjal *right turn* minhabba dan in-nuqqas ta' vetturi u kien ghalhekk illi dina ddecidiet illi tghaddi minn din il-gap halli tmur lura. F'nifs iehor imbaghad tghid illi immedjatament wara l-incident ingemghu hafna karozzi u b'hekk iddecidiet illi tressaq il-karozza taghha, tpoggiha xi distanza l-boghod biex ma tfixkilx il-perkors ta' dawn il-karozzi. Veru illi din it-triq fil-Marsa hija traffikuza mmens peress illi minnha jridu jghaddu l-vetturi kollha li jkunu jridu jaqsmu mit-tramuntana san-nofsinnhar ta' Malta. Oltre dan hemm id-dockyard fil-vicin fejn allura jkompli jaghmel il-piz fuq din it-triq aktar iebes.

Il-Qorti hija aktar propensa illi temmen it-tieni versjoni moghtija mill-konvenuta meta tghid illi fit-triq kien hemm hafna traffiku. Ma tistax timmagina li f'xi hin go Triq Aldo Moro ma jkunx hemm traffiku. Dan il-mument ta' indecizzjoni da parti tal-konvenuta kien ta' konsegwenzi serji ghaliha peress illi baqghet diehla fil-karozza misjuqa minn Zerafa, kkawzat id-danni reklamati minnu.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta'  u tiddeciedi illi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi. Tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku illi sehh fit-23 ta' Frar 1999 ghall-habta tas-1:00p.m. gewwa Triq Aldo Moro, Marsa, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAC 394, proprjeta' ta' l-attur Carmelo Zerafa u misjuqa minn Grazio Zerafa u l-vettura TFC 296 misjuqa mill-konvenuta, liema ncident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, da parti tal-konvenuta.

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' tlett mija u disgha u sittin lira Maltin u hames centezmi (Lm369.05c) u tikkundanna lill-konvenuta thallas dan l-ammont lill-atturi kif likwidat.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenuta.

Anthony Zammit

Dep Reg